



# Aħbar Tajba

Atti 6, 1-7
Salm 32 (33), 1-2, 4-5.18-19
1 Piet 2, 4-9
Ġw 14, 1-12

"Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll
**għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien."**

Kemm inħossuna sew meta xi ħadd jagħmlilna kuraġġ f'xi ħaġa li nkunu qed nagħmlu. Forsi fl-istudji tagħna jew inkella f'xi sport li nipprattikaw. Qisu jagħtik spinta biex tkompli tistinka u ma taqtax qalbek. Kulħadd japprezzaha dik il-kelma ta' kuraġġ, speċjalment meta nħossuna qed naqtgħu qalbna.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jfittex li jagħmlilna kuraġġ. U dan jirrepetih sikwit. Kull ftit versi jfakkarna li hu se jkun magħna. Però min-naħa tagħna hemm biċċa xogħol li rridu nagħmlu li tista' tidher xi ftit iebsa. Din il-biċċa xogħol mhux xi waħda li trid ħafna saħħa jew snin ta' studji kbar. Li rridu nagħmlu hu li nemmnu, għax x'jiswa li nieħdu gost nisimgħu l-kliem ta' Ġesù jekk imbagħad fil-mument tal-bżonn infittxu l-għajnuna ta' kulħadd barra ta' Ġesù? Għax faċli ngħidu li nemmnu. Imma l-fidi tagħna tidher fil-mumenti diffiċli tagħna.

Ġesù jaf kif inħossuna. Jaf kemm aħna dgħajfa fil-fidi tagħna. Jaf li għal kull ħaġa żgħira malajr nitilfu d-direzzjoni. Ġesù jfakkarna biex f'dawn il-mumenti diffiċli ma naqtgħux qalbna u niftakru li hu kapaċi jirbaħ kull diffikultà li nkunu fiha. Anzi, fl-Evanġelju Ġesù jagħmlilna kuraġġ u jgħidilna li jekk nemmnu nkunu kapaċi aħna wkoll nagħmlu affarijiet li qabel qatt ma ħsibna li nistgħu nagħmlu.

Għalhekk tajjeb li ma nieqfu qatt nitgħallmu fuq Ġesù u fuq dawk in-nies li mxew fuq il-passi tiegħu. Hekk inkunu nistgħu naraw li, kemm Ġesù u anke l-qaddisin, kellhom mumenti diffiċli imma, għax baqgħu jemmnu, dawk id-diffikultajiet għelbuhom.

Din il-ġimgħa pprova sib ftit ħin biex tfittex fuq xi qaddis. Tista' tagħżel lil min tixtieq. Forsi qaddis ta' ħafna snin ilu jew inkella xi ħadd iktar reċenti. Tista' tagħżel xi qaddis jew qaddisa li jisimhom bħalek, jew inkella qaddis popolari fir-raħal tiegħek. Importanti li taqra ftit minn xiex għadda matul ħajtu u kif rebaħ id-diffikultajiet tiegħu.

Ikun min ikun il-qaddis jew qaddisa li tagħżel, ibqa' ċert li għadda minn diversi diffikultajiet, imma ma kellux diffikultajiet biss. Il-qaddisin Alla laqqagħhom ukoll ma' persuni li għamlulhom kuraġġ u, għax kienu lesti li jisimgħu lil Alla, id-diffikultajiet tagħhom ma waqqfuhomx milli jkomplu jikbru, anzi, għamluhom aktar b'saħħithom!

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

TRIQ, VERITÀ, ĦAJJA, MISSIERI, TUMAS, FILIPPU, BIŻŻEJJED, EMMNUNI, JAGĦMEL, KLIEM, OPRI

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | P | P | O | S | T | L | I | D | I |
| R | A | IE | T | N | Ħ | A | J | J | A |
| T | R | T | Ġ | I | V | GĦ | A | L | Ġ |
| B | E | R | W | T | E | M | I | K | E |
| E | M | U | A | T | R | I | Q | L | S |
| T | M | I | N | U | I | S | T | IE | Ù |
| L | N | R | N | M | T | S | O | M | O |
| E | U | X | I | A | À | IE | R | F | P |
| H | N | O | F | S | Q | R | O | T | R |
| E | I | K | F | I | L | I | P | P | U |
| M | B | I | Ż | Ż | E | J | J | E | D |
| O | T | X | J | A | GĦ | M | E | L | I |
| Ġ | A | K | B | U | O | P | R | I | N |

Aghti l-kulur



## San Bernardinu ta' Siena



Fost il-qaddisin li matul din il-ġimgħa se ssir tifkira tagħhom insibu lil San Bernardinu. It-tifkira tiegħu ssir nhar is-Sibt li ġej, u jekk toqgħod f'Parroċċa mmexxija minn komunità Franġiskana żgur li se tisma' kelmtejn dwaru fil-bidu tal-quddiesa.

San Bernardinu twieled fi Siena fl-1380 minn familja nobbli. Wara li spiċċa l-istudji tiegħu qatta' numru ta' snin jaħdem fi sptar li għal żmien qasir saħansitra kien imexxi. Fl-1403 ingħaqad mal-Patrijiet Minuri u ftit wara sar saċerdot. Kien magħruf għall-predikazzjoni tiegħu li sa ċertu punt kienet tinħass ġdida. Dak iż-żmien ħafna kienu jiktbu dak li se jgħidu u waqt il-prietka jaqraw dak li jkunu ppreparaw, ħafna drabi kelma b'kelma. Bernardinu kien minn tal-ewwel li beda jitkellem direttament man-nies. Għal tletin sena tista' tgħid li pprietka madwar l-Italja kollha. Magħruf fost l-oħrajn għal kemm xerred id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, kiteb diversi kotba u ħadem ħafna biex iħeġġeġ l-imħabba lejn l-istudju u d-dixxiplina fl-Ordni tiegħu.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


**Promozzjoni**




Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.